**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 165/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Gylmour Micallef**
**(ID 443389(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmi (€423.44) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40197895 liema somma l-intimat baqa' ma hallasx minkejja li gie interpellat jaghmel dan, bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1350/15 u bl-imghaxijiet legali mill-24 t'Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li fis-seduta tal-lum 11 ta’ Marzu, 2017 deher il-konvenut mhux assistit li, wara li gie debitament avzat mit-Tribunal bid-drittijiet tieghu, ghazel li ma jipprezenta ebda kontestazzjoni u minflok ammetta t-talba attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza odjerna giet posposta ghall-ghoti tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi kif inghad hawn fuq l-intimat ghazel li ma jressaq ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici u, minkejja li gie mgharraf bid-drittijiet tieghu mill-istess Tribunal, ghazel minn rajh li jammetti l-istess talba attrici. Kwindi stante l-istess amissjoni tal-intimat it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba attrici kif dedotta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmi (€423.44) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40197895 bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1350/15 u bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**